SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

19 ta' Diċembru 2013 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Konvenzjoni ta' Århus — Direttiva 2003/4/KE — Aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni ambjentali — Kamp ta' applikazzjoni — Kunċett ta' 'awtorità pubblika' — Impriżi ta' drenaġġ u ta' distribuzzjoni tal-ilma — Privatizzazzjoni tas-settur tal-ilma fl-Ingilterra u f'Wales"

Fil-Kawża C-279/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni prelimiari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber) (ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Mejju 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Ġunju 2012, fil-proċedura

**Fish Legal,**

**Emily Shirley**

vs

**Information Commissioner,**

**United Utilities Water plc,**

**Yorkshire Water Services Ltd,**

**Southern Water Services Ltd,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, viċi-President, M. Ilešič, L. Bay Larsen, T. von Danwitz, E. Juhász, A. Borg Barthet u J.L. da Cruz Vilaça, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, G. Arestis, A. Arabadjiev, C. Toader, A. Prechal (Relatur), E. Jarašiūnas u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-16 ta' April 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Fish Legal, minn W. Rundle, solicitor, assistit minn D. Wolfe, QC,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

— għal Emily Shirley, minn R. McCracken, QC, u M. Lewis, barrister,

— għall-Information Commissioner, minn R. Kamm, bħala aġent, assistita minn A. Proops, barrister, imqabbda minn R. Bailey, solicitor,

— għal United Utilities Water plc, Yorkshire Water Services Ltd u Southern Water Services Ltd, minn T. de la Mare, QC, imqabbad minn J. Mullock, solicitor,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn J. Beeko, bħala aġent, assistita minn J. Eadie, QC, kif ukoll minn J. Maurici u C. Callaghan, barristers,

— għall-Gvern Daniż, minn V. Pasternak Jørgensen u M. Wolff, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Oliver u K. Mifsud-Bonnici kif ukoll minn L. Pignataro-Nolin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2013,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għad-deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2(2) tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2003, dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunill 90/313/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 375).

2 Din it-talba tresqet fil-kuntest ta' kawża bejn Fish Legal kif ukoll E. Shirley u l-Information Commissioner (Kummissarju għall-Informazzjoni) kif ukoll United Utilities Water plc, Yorkshire Water Services Ltd u Southern Water Services Ltd (iktar 'il quddiem il-"kumpanniji tal-ilma kkonċernati") dwar iċ-ċaħda minn dawn tal-aħħar tat-talba għal aċċess għal ċerta informazzjoni dwar id-drenaġġ u d-distribuzzjoni tal-ilma, magħmula minn Fish Legal u E. Shirley.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt internazzjonali*

3 Il-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU L 124, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Kovenzjoni ta' Århus"), tiddefinixxi, fl-Artikolu 2(2) tagħha, il-kunċett ta' "awtorità pubblika" kif ġej:

"[...]

a) l-amministrazzjoni pubblika f'livell nazzjonali, reġjonali jew f'livell ieħor;

b) il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jwettqu, bis-saħħa tal-liġijiet nazzjonali, funzjonijiet amministrattivi pubbliċi, inklużi kompiti, attivitajiet jew servizzi partikolari relatati mal-ambjent;

ċ) kull persuna fiżika jew ġuridika oħra li jkollha responsabbiltajiet jew funzjonijiet pubbliċi, jew li tipprovdi servizzi pubbliċi relatati mal-ambjent taħt l-awtorità ta' korp jew ta' persuna li taqa' taħt il-kategoriji msemmija fil-punti preċedenti (a) u (b);

d) l-istituzzjonijiet ta' kwalunkwe organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali msemmija fl-Artikolu 17 li hija Parti għal din il-Konvenzjoni.

Din id-definizzjoni ma tinkorporax il-korpi jew istituzzjonijiet li jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 L-Artikolu 4(1) ta' din il-konvenzjoni jipprovdi li, taħt ċertu numru ta' riżervi u kundizzjonijiet, kull parti għandha tagħmel mezz li l-awtoritajiet pubbliċi jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-informazzjoni dwar l-ambjent mitluba lilhom.

*Id-dritt tal-Unjoni*

5 Il-premessi 1, 5, 8, 9 u 11 tad-Direttiva 2003/4 jistabbilixxu:

"(1) L-aċċess pubbliku miżjud għat-tagħrif ambjentali u t-tixrid ta' dan it-tagħrif jikkontribwixxu għal konoxxenza ikbar dwar il-materji ambjentali, skambju ħieles tal-veduti, parteċipazzjoni iktar effettiva mill-pubbliku fit-tiswir tad-deċiżjonijiet u, eventwalment, ambjent aħjar.

[...]

(5) [I]d-disposizzjonijiet tal-liġijiet Komunitarji jridu jkunu konsistenti ma' [l-Konvenzjoni ta' Århus] bil-ħsieb tal-konklużjoni tagħha mill-Komunità Ewropea.

[...]

(8) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat illi kull persuna naturali jew legali jkollha dritt għall-aċċess tat-tagħrif dwar l-ambjent għand l-awtoritajiet pubbliċi jew miżmum għalihom mingħajr ma jkollhom għalfejn jiddikjaraw interess."

(9) Huwa meħtieġ ukoll illi l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu disponibbli u jxerrdu t-tagħrif dwar l-ambjent fost il-pubbliku ġenerali kemm jista' jkun fil-wisa', b'mod partikolari bl-użu tat-teknoloġiji tat-tagħrif u tal-komunikazzjoni. Għandu jitqies l-iżvilupp ġejjieni ta' dawn it-teknoloġiji fir-rappurtaġġ dwar din id-Direttiva jew fir-rivista tagħha.

[…]

(11) Sabiex jitqies il-prinċipju fl-Artikolu 6 tat-Trattat, illi l-ħtiġiet tal-protezzjoni ta' l-ambjent għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet Komunitarji, id-definizzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi għandha tiġi mwessgħa sabiex tkopri l-amministrazzjoni governattiva jew amministrazzjonijiet oħra pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali sewwa jekk ikollhom responsabbiltajiet speċifiċi rigward l-ambjent u sewwa jekk le. Bl-istess mod id-definizzjoni għandha tiġi mwessgħa sabiex tinkludi persuni jew korpi oħra li jwettqu l-funzjonijiet ta' amministrazzjonijiet pubbliċi fejn għandu x'jaqsam l-ambjent skond il-liġijiet nazzjonali, kif ukoll persuni jew korpi oħra li jaġixxu taħt il-kontroll tagħhom u li jkollhom responsabbilitajiet jew funzjonijiet pubbliċi fejn jidħol l-ambjent."

6 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-għanijiet tagħha kif ġej: "L-objettivi [għanijiet] ta' din id-Direttiva huma:

li jiġi ggarantit id-dritt għall-aċċess tat-tagħrif dwar l-ambjent li jkun għand l-awtoritajiet pubbliċi jew miżmum għalihom, u li jiġu ddikjarati t-termini u l-kondizzjonijiet bażiċi tal-eżerċizzju tiegħu u l-arranġamenti prattiċi għalih; u

li jiġi żgurat illi, bħala ħaġa naturali, it-tagħrif dwar l-ambjent jiġi magħmul disponibbli u jixxerred b'mod progressiv fost il-pubbliku sabiex jinkisbu id-disponibbiltà u t-tixrid l-iktar wiesa' possibbli tat-tagħrif dwar l-ambjent fost il-pubbliku. Għal dak il-għan għandu jiġi promoss, fejn disponibbli, l-użu, partikolarment, tat-teknoloġija informatika tat-telekomunikazzjoni u/jew elettronika."

7 L-Artikolu 2(2) tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi l-kunċett ta' "Awtorita pubblika"

"[...]

(a) l-amministrazzjoni governattiva jew amministrazzjoni oħra pubblika, inklużi l-korpi pubbliċi konsultattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali;

(b) kull persuna naturali [fiżika] jew legali [ġuridika] li jwettqu funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skond il-liġijiet nazzjonali, inklużi d-dmiritjiet, l-attivitajiet jew is-servizzi speċifiċi fejn jidħol l-ambjent;

(ċ) kull persuna naturali jew legali li jkollhom responsabbiltajiet jew funzjonijiet pubbliċi, jew li jipprovdu servizzi pubbliċi, li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ambjent taħt il-kontroll ta' korp jew persuna li jidħlu fil-(a) jew fil-(b).

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi din id-definizzjoni ma għandhiex tinkludi korpi jew istituzzjonijiet meta jaġixxu f'kapaċità ġudizzjali jew leġislattiva. Jekk id-disposizzjonijiet kostituzzjonali tagħhom fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva ma jagħmlu l-ebda disposizzjoni għall-proċedura tar-rivista fit-tifsira ta' l-Artikolu 6, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn il-korpi jew istituzzjonijiet minn din id-definizzjoni.

[...]"

8 L-Artikolu 3(1) ta' l-istess Direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet pubbliċi huma meħtieġa li jagħmlu disponibbli t-tagħrif dwar l-ambjent li jkun għandhom jew miżmum għalihom lil kull applikant fuq it-talba tiegħu u mingħajr ma jkollu għalfejn jiddikjara l-interess tiegħu".

*Id-dritt tar-Renju Unit*

Il-leġiżlazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali

9 Il-leġiżlazzjoni tal-2004 dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali (Environmental Information Regulations 2004, iktar 'il quddiem l-"EIR 2004") tittrasponi d-Direttiva 2003/4 fid-dritt intern.

10 Skont l-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament:

"[...] Awtorità pubblika' tfisser:

a) id-dipartimenti tal-Gvern;

b) kull awtorità pubblika oħra fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-[Freedom of Information Act 2000 (Att dwar il-libertà tal-informazzjoni tal-2000; iktar 'il quddiem, il-'FIA 2000') [...];

c) kull korp jew persuna oħra li twettaq funzjonjiet ta' amministrazzjoni pubblika, jew

d) kull korp jew persuna oħra suġġetta għall-kontroll ta' persuna inkluża fil-kategoriji msemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c) u

i) li għandha responsabbilitajiet pubbliċi fil-qasam tal-ambjent;

ii) li twettaq funzjonijiet ta' natura pubblika fil-qasam tal-ambjent,

jew

iii) li tipprovdi servizzi pubbliċi relatati mal-ambjent."

11 Skont l-Artikoli 5 u 7 tal-EIR 2004, l-informazzjoni dwar l-ambjent mitluba għandha tingħata fi żmien 20 jum ta' xogħol, li taħt ċertu kundizzjonijiet, jista' jiġi estiż għal 40 jum mill-awtorità kkonċernata.

12 Skont l-Artikolu 50(1) tal-Liġi tal-2000 dwar il-libertà' tal-informazzjoni, fil-verżjoni emendata permezz tal-Artikolu 18 tal-EIR 2004, il-persuna kkonċernata tista' titlob lill-Information Commissioner (Kummissarju għall-informazzjoni) jiddeċiedi jekk l-awtorità pubblika kkonċernata ttrattatx it-talba tagħha għal informazzjoni skont ir-rekwiżiti tal-EIR 2004.

Il-leġiżlazzjoni dwar it-tqassim attwali tal-kompetenzi legali fis-settur tad-drenaġġ u tat-tqassim tal-ilma fl-Ingilterra u Wales

13 Permezz tal-adozzjoni tal-Att dwar l-Ilma tal-1989 (Water Act 1989), li pprivatizza s-settur tad-drenaġġ u tat-tqassim tal-ilma fl-Ingilterra u f'Wales, b'effett mill-1 ta' Settembru 1989, il-funzjonijiet, setgħat, beni u assi tal-aġenziji tal-ilma tqassmu bejn, minn naħa, in-National Rivers Authority (Awtorità nazzjonali tax-xmajjar), li saret l-Environment Agency (Aġenzija tal-ambjent) mid-dħul fis-seħħ tal-Att tal-1995 dwar l-ambjent (Environment Act 1995)], u, min-naħa l-oħra, il-kumpanniji tal-ilma li jipprovdu bħala impriżi kummerċjali servizzi ta' drenaġġ u ta' tqassim tal-ilma.

14 Skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, b'mod partikolari l-Att tal-1991 dwar is-settur tal-ilma (Water Industry Act 1991, iktar 'il quddiem il-"WIA 1991"), kif emendat, it-tqassim attwali tal-kompetenzi legali fis-settur tad-drenaġġ u tat-tqassim tal-ilma huwa, fil-qosor, kif ġej:

il-kumpanniji tal-ilma huma msejħa impriżi ta' drenaġġ ("sewerage undertaker") u/jew impriżi ta' distribuzzjoni tal-ilma ("water undertaker") għal żona partikolari tal-Ingilterra jew ta' Wales mill-Water Serviced Regulatory Authority (OFWAT) (Awtorità li tirregola s-servizzi tal-ilma). Din l-awtorità hija wkoll, waħida, jew f'ċerti ċirkustanzi, flimkien mas-Secretary of State (Ministru responsabbli għas-settur tal-ambjent), l-awtorità prinċipalment kompetenti fil-qasam ta' superviżjoni ta' dawn il-kumpanniji.

attwalment, għaxar kumpanniji ntgħażlu bħala impriżi ta' drenaġġ u ta' tqassim tal-ilma ("water and sewerage companies" jew "WASCs") u tnax-il kumpannija ntgħażlu bħala impriżi ta' ditribuzzjoni tal-ilma biss ("water only companies" jew "WOCs"), b'mod li, f'kull żona fl-Ingilterra jew Wales jew kumpannija waħda tkun responsabbli għad-distribuzzjoni tal-ilma u għad-drenaġġ, jew kumpannija tkun responsabbli għad-distribuzzjoni tal-ilma filwaqt li kumpannija oħra tkun responsabbli għad-drenaġġ fiż-żona kkonċernata minbarra l-attivitajiet tagħha ta' distribuzzjoni tal-ilma u ta' drenaġġ f'żona oħra.

il-kumpanniji tal-ilma huma kkostitwiti fil-forma ta' kumpannija anonima ("public limited company") jew kumpannija ta' azzjonijiet b'riskju limitat ("limited company"). Huma amministrati minn kunsill amministrattiv responsabbli quddiem l-azzjonisti u mmexxija abbażi ta' prinċipji kummerċjali normali, stabbiliti fil-memorandum u fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħhom, bil-għan li jiġġeneraw profitti għad-distribuzzjoni tagħhom bejn l-azzjonisti fil-forma ta' dividendi u għall-investiment mill-ġdid tagħhom fl-impriża.

l-imsemmija kumpanniji għandhom jikkonformaw ruħhom ma' diversi obbligi legali relatati mal-manutenzjoni u t-titjib tal-infrastruttura kif ukoll mad-distribuzzjoni u/jew l-ipproċessar tal-ilma użat fiż-żoni rispettivi tagħhom;

huma għandhom barra minn hekk ċerti setgħat legali, fosthom, b'mod partikolari, setgħat ta' esproprjazzjoni, id-dritt li jadottaw regoli amministrattivi dwar ilmijiet navigabbli u art li huma proprjetarji tagħha, is-setgħa ta' ħruġ tal-ilma , inkluż fil-katusi ta' ilma privati, id-dritt li jimponu projbizzjonijiet temporanji ta' tisqija jew is-setgħa li jiddeċiedu, fir-rigward ta' ċerti klijenti u taħt kundizzjonijiet stretti, li jwaqqfu d-distribuzzjoni tal-ilma;

dawn l-obbligi u s-setgħat huma riprodotti fl-att ta' ħatra, imsejjaħ "liċenzja", ta' kull kumpannija. Din il-liċenzja tista' wkoll tinkludi kundizzjonijiet oħra, bħal dak li titħallas taxxa favur is-Secretary of State. Dan tal-aħħar u/jew l-OFWAT għandhom josservaw it-termini tal-liċenzja. Jista' jkun meħtieġ li l-kumpanniji jwettqu ċerti atti jew jieħdu miżuri speċifiċi. Il-liċenzja tista' tiġi rrevokata biss b'avviż minn qabel ta' 25 sena u li għandu jkun motivat. Din tista' tiġi mmodifikata biss mill-OFWAT bil-kunsens tal-kumpannija jew wara rapport tal-Competition Commission (Kummissjoni tal-Kompetizzjoni);

is-sistema legali li l-kumpanniji tal-ilma huma suġġetti għaliha tipprovdi wkoll il-possibbiltà li timponilhom sanzjonijiet finanzjarji u teħlishom parzjalment mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt komuni fil-qasam tax-xoljiment tal-kumpanniji.

kull ħames snin, il-kumpanniji tal-ilma għandom jippreżentaw proġett ta' pjan ta' ġestjoni tal-assi, imsejjaħ ukoll "pjan ta' żvilupp" ("business plan"), fejn huma jistabbilixxu, għal perijodu ta' ħames snin, b'mod dettaljat, ir-riżultati mistenni u b'mod partikolari l-programmi ta' investimenti. Matul proċedura ta' konsultazzjoni, dawn il-pjanijiet jiġu ffinalizzati u l-OFWAT tiddetermina, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi tal-programmi ta' investiment li hija tqis xierqa, l-ammonti massimi li l-kumpanniji jkunu awtorizzati jiffatturaw lill-klijenti tagħhom sabiex jiffinanzjaw il-pjanijiet ta' żvilupp u, b'mod partikolari, l-investimenti li jirriżultaw minnhom. Il-pjanijiet attwali jkopru s-snin 2010 sa 2015.

## Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

15 Fish Legal, il-parti legali tal-Angling Trust jiġifieri l-federazzjoni Ingliża tas-sajjieda, hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' lukru li għandha l-għan li tiġġieled, permezz tal-mezzi legali kollha, kontra t-tniġġis u attakki oħra fuq is-settur tal-ilma kif ukoll id-difiża tas-sajd bil-qasba u tas-sajjieda.

Permezz ta' ittra tat-12 ta' Awwissu 2009, Fish Legal talbet lil żewġ kumpanniji tal-ilma, jiġifieri United Utilities Water plc u Yorkshire Water Services LTs, informazzjoni dwar is-suġġett ta' ħruġ tal-ilma, operazzjonijiet kontra t-tniġġis u ta' meta jfur l-ilma għal emerġenza.

16 E. Shirley, min-naħa tagħha, indirizzat, bil-miktub, fix-xahar ta' Awwissu 2009, lil kumpannija tal-ilma oħra, jiġifieri Southern Water Services Ltd, sabiex titlobha informazzjoni dwar il-kapaċità ta' drenaġġ għal proġett ta' titjib fil-villaġġ tagħha li jinsab fil-kontea ta' Kent.

17 Peress li ma rċivewx mingħand il-kumpanniji kkonċernati l-informazzjoni mitluba fit-termini previsti mill-EIR 2004, Fish Legal u E. Shirley ressqu t-tnejn li huma lment quddiem l-Information Commissioner. Permezz ta' deċiżjonijiet li ġew innotifikati lilhom f'Marzu 2010, dan ikkunsidra li l-kumpanniji tal-ilma kkonċernati ma kinux awtoritajiet pubbliċi fis-sens tal-EIR 2004 u li, għalhekk, ma setax jiddeċiedi dwar l-imenti rispettivi tagħhom.

18 Għalhekk, Fish Legal u E. Shirley ippreżentaw rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-First-tier Tribunal (General Regulatory Chambers, Information Rights), liema ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha sakemm l-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber) tagħti s-sentenza tagħha fil-kawża msejħa "pilota" Smartsource v. Information Commissioner.

19 Wara s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2010, Smartsource v. Information Commissioner (iktar 'il quddiem is-"sentenza Smartsource"), il-First-tier Tribunal (General Regulatory Chamber, Information Rights) ċaħdet ir-rikors ta' Fish Legal u ta' E. Shirley, prinċipalment minħabba li l-kumpanniji tal-ilma kkonċernati ma setgħux jiġu kkwalifikati bħala "awtoritajiet pubbliċi", fis-sens tal-EIR 2004.

20 Il-qorti tar-rinviju, adita b'appell minn Fish Legal u minn E. Shirley, tirreleva li dawn jammettu li, permezz ta' komunikazzjonijiet differenti li l-aħħar waħda minnhom saret f'April 2011, il-kumpanniji tal-ilma kkonċernati finalment taw aċċess għall-informazzjoni kollha mitluba.

21 Din il-qorti tikkunsidra madankollu li l-kwistjoni mqajma, fil-liġi, permezz tal-kawżi prinċipali, jiġifieri jekk il-kumpanniji kellhomx jikkomunikaw l-imsemmija informazzjoni, madankollu ma ġietx deċiża. Issa, risposta għal din id-domanda hija neċessarja sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk il-kumpanniji tal-ilma kkonċernati naqsux mill-obbligu tagħhom li jipprovdu informazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u, b'mod partikolari, fit-termini previsti. L-imsemmija kwistjoni hija wkoll relevanti għal kawżi oħra li jikkonċernaw kumpanniji tal-ilma li għadhom sospiżi fl-ewwel istanza kif ukoll għal kawżi relatati ma' setturi ta' attività differenti minn dik tal-ilma.

22 L-imsemmija qorti tindika li, skont Fish Legal u E. Shirley, il-kumpanniji tal-ilma kkonċernati għandhom jiġu kkwalifikati bħala "awtoritajiet pubbliċi", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) jew (ċ) tad-Direttiva 2003/4, peress li dawn jeżerċitaw funzjonijiet amministrattivi pubbliċi u huma, fi kwalunkwe każ, strettament ikkontrollati minn korp statali.

23 Il-qorti tar-rinviju tirreleva li l-Information Commissioner għandu teżi kuntrarja, ibbażata essenzjalment fuq il-motivi tas-sentenza Smartsource. Minn naħa, billi japplikaw l-approċċ multifattorjali li tiffavorixxi din is-sentenza, il-kumpanniji tal-ilma ma jeżerċitawx funzjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Min-naħa l-oħra, il-kontroll li l-kumpanniji tal-ilma huma suġġetti għalih huwa insuffiċjenti peress li jikkonċerna biss il-funzjonijiet relatati mar-regolament. Issa, il-kunċett ta' "kontroll" jinkludi l-awtorità, anzi l-obbligu, kif ukoll is-setgħa li jiġu ddeterminati mhux biss l-għanijiet li għandhom jintlaħqu, iżda wkoll il-mezzi li għandhom jiġu implementati sabiex jintlaħqu.

24 L-Information Commissioner isostni sussidjarjament li jekk ma jiġix adottat l-approċċ tas-sentenza Smartsource, tal-inqas għandha tingħata interpretazzjoni "ibrida" tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. Skont din l-interpretazzjoni, il-kumpanniji tal-ilma għandhom jiġu kkwalifikati bħala

"awtoritajiet pubbliċi" biss fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet li ngħatawlhom u li huma stess huma suxxettibbli li jkunu kkwalifikati bħala "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4.

25 Il-qorti tar-rinviju żżid li l-kumpanniji tal-ilma kkonċernati esenzjalment sostnew li, fis-sentenza Smartsource, ġustament ġie deċiż li l-kumpanniji ma kinux "awtoritajiet pubbliċi". Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-qorti nazzjonali inkwistjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni serje ta' elementi relevanti, fosthom id-dokument ippubblikat fl-2000 mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, intitolat, "Il-Konvenzjoni ta' Århus, gwida għall-applikazzjoni" (iktar 'il quddiem il-"gwida għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Århus"), ċerti fatturi li jikkonċernaw il-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpanniji tal-ilma kif ukoll il-leġiżlazzjoni tas-settur tal-ilma fl-Ingilterra u f'Wales.

26 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Meta jiġi kkunsidrat jekk persuna fiżika jew ġuridika hijiex fost dawk li 'jwettqu funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skond il-liġijiet nazzjonali' [fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4], id-dritt u l-analiżi applikabbli huma purament nazzjonali?

2) Jekk dan ma huwiex il-każ, liema huma l-kriterji tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jew ma jistgħux jintużaw sabiex ikun stabbilit:

a) jekk il-funzjoni inkwistjoni hijiex, essenzjalment, fost il-funzjonijiet 'amministratitvi pubbliċi';

b) jekk id-dritt nazzjonali essenzjalment jagħtix tali funzjoni lil din il-persuna?

3) Xi jfisser meta persuna tkun 'taħt il-kontroll ta' korp jew persuna li jidħlu fil-(a) jew fil-(b)?' [fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4]. B'mod partikolari, liema huma, in-natura, il-forma u l-livell ta' kontroll meħtieġa u liema huma l-kriterji li jistgħu jew ma jistgħux jintużaw biex jiġi identifikaw tali kontroll?

4) Estensjoni tal-Istat' (fis-sens tal-paragrafu 20 [tas-sentenza Foster *e*t (Kawża C-188/89, Ġabra p. I-3313] hija neċessarjament persuna li taqa' taħt l-Artikolu 2(2)(c) [tad-Direttiva 2003/4]?

5) Meta persuna taqa' [fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4] taħt waħda minn dawn id-dispożizzjoni fir-rigward ta' uħud mill-funzjonijiet tagħha, ta' uħud mir-responsabbiltajiet tagħha, jew ta' uħud mis-servizzi tagħha, l-obbligi tagħha li tipprovdi informazzjoni ambjentali huma limitati għall-informazzjoni li tirrigwarda l-funzjonijiet, ir-responsabbiltajiet u s-servizi tagħha jew dawn jestendu għall-informazzjoni ambjentali kollha, irrispettivament mill-għan ta' din l-informazzjoni?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

27 Il-kumpanniji tal-ilma kkonċernati jsostnu, prinċipalment, li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari huma inammissibbli.

28 Huma jsostnu li, peress li huwa paċifiku li huma pprovdew bonarjament l-informazzjoni ambjentali kollha mitluba minn Fish Legal u minn E. Shirley, l-ebda kawża ma għadha pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi dwar kwistjonijiet li saru purament ipotetiċi, li jxejjen kull ġustifikazzjoni għat-talba għal deċiżjoni preliminari.

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom sabiex jinqatgħu l-kawżi li jkunu tressqu (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Ġunju2013, MA *et*, C-648/11, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha, kuntest li ma huwiex kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti risposta għal domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew saħansitra meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza MA *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-għan tal-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju tikkonċerna kontestazzjonijiet minn Fish Legal u minn E. Shirley għad-deċiżjonijiet tal-Information Commissioner li permezz tagħhom dan ikkunsidra li, peress li l-kumpanniji tal-ilma kkonċernati ma setgħux jiġu kkwalifikati bħala awtoritajiet pubbliċi fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali intiża sabiex tittrasponi d-Direttiva 2003/4, huwa ma setax jiddeċiedi dwar l-ilmenti tagħhom intiżi sabiex jiġi kkonstatat li l-informazzjoni ambjentali mitluba ma kinitx ingħatat fit-termini previsti minn din il-leġiżlazzjoni.

32 Issa, id-domandi magħmula huma essenzjalment dwar il-punt jekk, u, skont il-każ, f'liema kundizzjonijiet, il-kumpanniji tal-ilma kkonċernati għandhom ikunu kkwalifikati bħala "awtoritajiet pubbliċi", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) jew (ċ) tad-Direttiva 2003/4.

33 Għandu jiġi kkonstat, kif irreleva wkoll l-avukat ġenerali fil-punti 55 sa 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, li risposta għal dawn id-domandi tirrispondi għal bżonn oġġettiv għas-soluzzjoni tal-kawża li għandha quddiemha l-qorti tar-rinviju.

34 F'dawn il-kundizzjonijiet, id-domandi magħmula ma humiex ipotetiċi u t-talba għal deċiżjoni preliminari hija għaldaqstant ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

Osservazzjonijiet preliminari

35 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, billi saret parti għall-Konvenzjoni ta' Århus, l-Unjoni Ewropea ntrabtet li tiżgura, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, aċċess bħala regola għall-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isem dawn l-awtoritajiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Ville de Lyon, C-524/09, Ġabra p. I-14115, punt 36, u tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau, C-204/09, punt 30).

36 Kif tikkonferma l-premessa 5 tad-Direttiva 2003/4, billi adotta din id-direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jiżgura l-kompatibbiltà tad-dritt tal-Unjoni ma' din il-Konvenzjoni bl-għan tal-konklużjoni tagħha mill-Komunità billi pprovda għal sistema ġenerali li biha jiġi żgurat li kull persuna fiżika jew ġuridika

ta' Stat Membru jkollha dritt għall-aċċess għall-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew miżmuma għalihom mingħajr ma din il-persuna jkollha għalfejn tiddikjara interess (sentenza Flachglas Torgau, iċċitata iktar 'il fuq, punt 31).

37 Minn dan jirriżulta li, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/4, għandu jittieħed kont tat-test u tal-għan tal-Konvenzjoni ta' Århus li din id-direttiva hija intiża sabiex timplementa fid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Flachglas Torgau, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40).

38 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, jekk il-gwida għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Århus tista' tiġi kkunsidrata bħala dokument ta' spjega, suxxettibbli, skont il-każ, li jittieħed inkunsiderazzjoni, fost elementi oħra relevanti, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' din il-konvenzjoni, l-analiżi li tinkludi ma għandha l-ebda setgħa obbligatorja u ma hijiex ta' natura normativa bħal ma huma d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Århus (sentenza tas-16 Frar 2012, Solvay *et*, C-182/10, punt 27).

39 Fl-aħħar nett, għandu wkoll jiġi enfasizzat li d-dritt għal aċċess ggarantit mid-Direttiva 2003/4 japplika biss sakemm l-informazzjoni mitluba tissodisfa r-rekwiżiti dwar l-aċċess pubbliku previsti minn din id-direttiva, li jissoponi b'mod partikolari, li din tikkostitwixxi "tagħrif dwar l-ambjent" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva, u dan huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika dan għal dak li jikkonċerna l-kawża prinċipali (sentenza Flachglas Torgau, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32).

Fuq l-ewwel żewġ domandi

40 Permezz tal-ewwel żewġ domandi tagħha, li jaqbel li jiġu trattati flimkien, il-qorti tar-rinviju tfittex li tkun taf essenzjalment liema huma l-kriterji li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk entitajiet bħall-kumpanniji tal-ilma kkonċernati jistgħux jiġu kkwalifikati bħala persuni ġuridiċi li jeżerċitaw, abbażi tad-dritt intern, "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4.

41 Skont l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4, li hija dispożizzjoni essenzjalment identika għal dik fl-Artikolu 2(2)(b) tal-Konvenzjoni ta' Århus, il-kunċett ta' "awtorità pubblika" jkopri "kull persuna naturali [fiżika] jew legali [ġuridika] li jwettqu funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skond il-liġijiet nazzjonali, inklużi d-dmiritjiet, l-attivitajiet jew is-servizzi speċifiċi fejn jidħol l-ambjent".

42 Skont ġurisprudenza stabbilita, kemm mir-rekwiżiti tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma tinkludi ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġi stabbilit is-sens u l-portata tagħha, għandhom normalment jingħataw interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-Unjoni kollha li għandha tiġi stabbilita fid-dawl tal-kuntest ta' din id-dispożizzjoni u tal-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Flachglas Torgau, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

43 F'din il-kawża, għandu, fl-ewwel lok, jiġi determinat jekk il-frażi "il-liġijiet nazzjonali" għandhiex jew le, tiġi mifhuma bħala riferiment espress għad-dritt tar-Renju Unit, f'dan il-każ għad-dritt Ingliż, għall-finijiett tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi".

44 Dwar dan il-punt, għandu jiġi kkonstatat li teżisti differenza bejn il-verżjoni Franċiża u dik Ingliża tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4 li tikkorrispondi għad-differenza bejn il-verżjonijiet fl-istess lingwi tal-Artikolu 2(2)(b) tal-Konvenzjoni ta' Århus, liema huma verżjonijiet lingwistiċi awtentiċi ta' din il-konvenzjoni. Fil-fatt, fil-verżjoni Franċiża tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4, il-frażi "il-liġijiet nazzjonali" hija marbuta mal-verb "jeżerċita", b'mod li, f'din il-verżjoni, it-termini tal-imsemmija dispożizzjoni ma jistgħux jiġu inklużi fis-sens li jirreferu espressament għad-dritt nazzjonali f'dak li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi" u għalhekk ma tirreferix għall-imsemmi verb.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-għan, stabbilit fil-premessa 7 tad-Direttiva 2003/4 huwa li jiġi evitat li d-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi fis-seħħ dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali joħolqu nuqqas ta' ugwaljanza ġewwa l-Unjoni f'dak li jikkonċerna l-aċċess għal din l-informazzjoni jew il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni. Dan l-għan jirrikjedi li d-determinazzjoni tal-persuni obbligati jagħtu lill-pubbliku aċċess għall-informazzjoni ambjentali jkunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet fl-Unjoni Ewropea kollha b'mod li l-kunċett ta' "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4 ma jkunx ivarja skont id-dritt nazzjonali applikabbli.

46 Din l-interpretazzjoni hija kkorraborata mill-gwida għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Århus, skont liema l-frażi "skont il-liġijiet nazzjonali" tfisser "li għandu jkun hemm bażi legali għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet skont is-subparagrafu (b)", fejn dan is-subparagrafu jkopri "kwalunkwe persuna awtorizzata mil-liġi teżerċita funzjoni pubblika". Dan ma jistax jiġi kkontestat mill-fatt li l-imsemmija gwida żżid li "it-tifsira ta' funzjoni pubblika tista' tvarja minn pajjiż għall-ieħor" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

47 F'dan il-kuntest, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Information Commissioner u l-kumpanniji tal-ilma kkonċernati matul is-seduta, l-imsemmija frażi, kieku kellha tiġi interpretata fis-sens li tirreferi għall-bżonn tal-eżistenza ta' bażi legali, ma tkunx superfluwa peress li tikkonferma li l-eżerċizzju tal-funzjonijiet amministrattivi pubbliċi għandu jkun ibbażat fuq id-dritt intern.

48 Minn dan jirriżulta li huma biss l-entitajiet li, bis-saħħa ta' bażi legali speċifikatament definita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li hija applikabbli għalihom, huma awtorizzati jeżerċitaw funzjonijiet amministrattivi pubbliċi huma suxxettibbli li jaqgħu taħt il-kategorija ta' awtoritajiet pubbliċi msemmija fl-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar jekk il-funzjonijiet li għandhom tali awtoritajiet abbażi tad-dritt nazzjonali jikkostitwixxux "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandha tiġi eżaminata fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u tal-elementi ta' interpretazzjoni relevanti tal-Konvenzjoni ta' Århus li jippermettu li tingħata definizzjoni awtonoma u uniformi tal-imsemmi kunċett.

49 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk il-funzjonijiet eżerċitati skont id-dritt nazzjonali mill-entità kkonċernata jaqgħux taħt il-kunċett ta' "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà indikat li kemm mill-Konvenzjoni ta' Århus stess kif ukoll mid-Direttiva 2003/4 permezz ta' "awtoritajiet pubbliċi" l-awturi tagħhom riedu jfissru l-awtoritajiet amministrattivi peress li, fi ħadn l-Istati, huma dawn li, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, ikollhom l-informazzjoni ambjentali (sentenza Flachglas Torgau, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40).

50 Barra minn hekk, il-gwida għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Århus tispjega li "din hija funzjoni li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet governattivi kif iddefiniti mid-dritt intern" [traduzzjoni mhux uffiċjali] li għaldaqstant ma għandhiex neċessarjament tkun relatata mal-qasam tal-ambjent, u li dan il-qasam issemma biss bħala funzjoni amministrattiva pubblika.

51 L-entitajiet li, minn perspettiva organika, huma awtoritajiet amministrattivi, jiġifieri dawk li jagħmlu parti mill-amministrazzjoni pubblika jew mis-setgħa eżekuttiva tal-Istat fi kwalunkwe livell, huma awtoritajiet pubbliċi fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2003/4. Din l-ewwel kategorija tinkludi l-persuni ġuridiċi tad-dritt pubbliku, li ġew stabbiliti mill-Istat u li dan jista' jiddeċiedi dwar ix-xoljiment tagħha.

52 It-tieni kategorija ta' awtoritajiet pubbliċi kif iddefinita fl-Artikolu 2(2)(b) ta' din id-direttiva tinkludi, min-naħa tagħha, awtoritajiet amministrattivi definiti f'sens funzjonali, jiġifieri l-entitajiet, kemm jekk ikunu persuni ġuridiċi tad-dritt pubbliku jew tad-dritt privat, li jkunu resposnabbli, abbażi tas-sistema

legali applikabbli għalihom, li jwettqu servizzi ta' interess pubbliku, b'mod partikolari fil-qasam tal-ambjent, u li għandhom, f'dan is-sens, setgħat eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn persuni tad-dritt privat.

53 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-kumpanniji tal-ilma kkonċernati huma responsabbli, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari l-WIA 1991, għal servizzi ta' interess pubbliku, jiġifieri l-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-ilma u tal-katusi kif ukoll tad-drenaġġ u tad-distribuzzjoni tal-ilma, attivitajiet li fil-kuntest tagħhom, kif osservat il-Kummissjoni Ewropea, diversi direttivi fil-qasam tal-ambjent dwar il-protezzjoni tal-ilma għandhom fil-fatt jiġu osservati.

54 Minn elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta wkoll li, sabiex iwettqu dawn il-funzjonijiet u jipprovdu dawn is-servizzi, l-imsemmija kumpanniji għandhom, abbażi tad-dritt nazzjonali applikabbli, ċerti setgħat, bħad-dritt ta' esproprijazzjoni, dak li jadottaw regolamenti amministrattivi relatati mal-ilmijiet navigabbli u mal-artijiet li huma proprjetarji tagħhom, is-setgħa li jipproċedu, f'ċerti ċirkustanzi, għal ħruġ tal-ilma, inkluż fil-katusi ta' ilma privati, id-dritt li jimponu projbizzjonijiet temporanji ta' tisqija jew is-setgħa li jiddeċiedu, fil-konfront ta' ċerti klijenti u taħt kundizzjonijiet stretti, lijwaqqfu l-provista tal-ilma.

55 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk, fid-dawl tal-modi differenti kif inhuma mqassma fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, dawn id-drittijiet u setgħat rikonoxxuti lill-kumpanniji tal-ilma kkonċernati jistgħux jiġu kkwalifikati bħala setgħat eżorbitanti.

56 Fid-dawl ta' dak li jippreċedi, ir-risposta għall-ewwel żewġ domandi magħmula għandha tkun li, sabiex jiġi ddeterminat jekk entitajiet bħall-kumpanniji tal-ilma kkonċernati jistgħux jiġu kkwalifikati bħala persuni ġuridiċi li jeżerċitaw, skont id-dritt intern, "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4, għandu jiġi eżaminat jekk dawn l-entitajiet għandhomx, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali applikabbli għalihom, setgħat eżorbitani meta mqabbla mar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn il-persuni ta' dritt privat.

Fuq it-tielet u r-raba' domanda

57 Permezz tat-tielet u r-raba' domandi, li jaqbel li jiġu trattati flimkien, il-qorti tar-rinviju tfittex essenzjalment li ssir taf liema huma l-kriterji li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk entitajiet bħall-kumpanniji tal-ilma kkonċernati, li ma huwiex ikkontestat li jipprovdu servizzi pubbliċi relatati mal-ambjent, humiex taħt kontroll ta' korp jew persuna msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) jew (b) tad-Direttiva 2003/4, b'mod li għandhom jiġu kkwalifikati bħala "awtoritajiet pubbliċi" skont l-Artikolu 2(2)(c) ta' din id-direttiva.

58 F'dan il-każ, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-eżistenza ta' sistema bħal dik prevista mill-WIA 1991, sa fejn tafda s-superviżjoni tal-kumpanniji tal-ilma kkonċernati lis-Sevretary of Stat u lill-OFWAT, korpi li ma huwiex ikkontestat li jikkostitwixxu awtoritajiet pubbliċi msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2003/4, timplikax li dawn il-kumpanniji huma "taħt il-kontroll" tal-imsemmija korpi, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(ċ) ta' din id-direttiva.

59 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, l-Information Commissioner, il-kumpanniji tal-ilma kkonċernati kif ukoll il-Gvern tar-Renju Unit isostnu li l-fatt li l-kumpanniji tal-ilma kkonċernati huma suġġetti għal sistema regolatorja, ċertament relattivament stretta, ma jimplikax li dawn jinsabu taħt "kontroll" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/4. Huma jsostnu li, kif enfasizzat l-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber) fis-sentenza Smartsource, teżisti differenza fundamentali bejn sistema msejħa"regolatorja", li tinkludi biss is-setgħa għar-regolatur li jiddetermina l-għanijiet li għandhom ikunu segwiti mill-entità regolatorja, u sistema msejħa "ta' kontroll", li tippermetti wkoll lir-regolatur jiddetermina l-mod kif dawn l-għanijiet għandhom jitwettqu mill-entità kkonċernata.

60 F'dan il-kuntest, il-gwida għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Århus tindika li, għalkemm l-Artikolu 2(2)(c) tal-Konvenzjoni ta' Århus, dispożizzjoni essenzjalment identika għall-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/4, isemmi "tal-inqas" persuni "li huma l-proprjetà tal-Istat", l-Artikolu 2(2)(ċ) jista' "barra minn hekk jinkludi [...] korpi li jkollhom responsabbiltajiet jew funzjonijiet pubbliċi, jew li jipprovdu servizzi pubbliċi, li jkollhom x' jaqsmu ma' l-ambjent taħt kontroll regolatorju" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

61 Fir-rigward ta' dan il-kunċett ta' "kontroll", il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fil-kuntest tar-raba' domanda tagħha, x'tista' tkun ir-relevanza tas-sentenza Griffin vs South West Water Services Ltd. tal-High Court of Justice (England and Wales) (ir-Renju Unit), li tirreferi għaliha wkoll il-gwida għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Århus fil-kuntest tal-Artikolu 2(2)(c) ta' din il-konvenzjoni.

62 F'din is-sentneza ġie deċiż b'mod partikolari li l-kriterju dwar il-kontroll, imsemmi fil-punt 20 tas-sentenza Foster *et*, iċċitata iktar 'il fuq, ma kellux jiġi mifhum fis-sens li ma jkoprix sistema "regolatorja", bħal dik prevista mill-WIA 1991 u li din is-sistema tissodisfa l-imsemmi kriterju ta' kontroll, b'mod li, meta l-kriterji l-oħra jkunu sodisfatti, id-Direttiva tal-Kunsill 75/129/KEE, tas-17 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tkeċċijiet mix-xogħol kollettivi (ĠU L 48, p. 29), setgħet tiġi invokata kontra l-kumpannija tal-ilma inkwistjoni f'din il-kawża prinċipali fil-kapaċità ta' "estensjoni tal-Istat".

63 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi speċifikatament dwar jekk kumpannija tal-ilma, bħala "estensjoni tal-Istat", hijiex neċessarjament persuna ġuridika li taqa' taħt tal-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/4.

64 F'dan ir-rigward, il-konstatazzjoni ta' sitwazzjoni ta' kontroll fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-punt 20 tas-sentenza Foster *et*, iċċitata iktar 'il fuq, tista' tiġi kkunsidrata li hija indikazzjoni li tikkostitwixxi indikazzjoni li hija ssodisfatta bil-kundizzjoni ta' kontroll stabbilita fl-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/4, peress li, fiż-żewġ kuntesti, il-kunċett ta' kontroll huwa intiż sabiex jinkludi manifestazzjonijiet tal-kunċett ta' "Stat" fis-sens wiesa' li tkun l-aħjar sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni kkonċernata.

65 Il-portata preċiża tal-kunċett ta' kontroll imsemmi fl-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/4 għandha madankollu titfittex billi jittieħdu wkoll inkunsiderazzjoni għanijiet proprja ta' din id-direttiva.

66 Mill-Artikolu 1(a) u (b) ta' din id-direttiva jirriżulta li din għandha b'mod partikolari l-għan li tiggarantixxi d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom, li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet bażiċi u l-metodi prattiċi tal-eżerċizzju tagħha kif ukoll tasal għal tqegħid għad-dispożizzjoni u komunikazzjoni sistematiċi kemm jista' jkun wiesa' tal-imsemmija informazzjoni fil-konfront tal-pubbliku.

67 Għalhekk, billi jiddefinixxi tliet kategoriji ta' awtoritajiet pubbliċi, l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 huwa intiż sabiex ikopri diversi entitajiet, tkun liema tkun il-forma ġuridika tagħhom, li għandhom jiġu kkunsidrati li jaqgħu taħt entità pubblika, kemm jekk ikun l-Istat stess, entità awtorizzata mill-Istat sabiex taġixxi f'ismu jew entità kkontrollata mill-Istat.

68 Dawn l-elementi jwasslu sabiex tiġi adottata interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kontroll", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/4, skont liema din it-tielet kategorija residwa ta' awtoritajiet pubbliċi tkopri kwalunkwe entità li ma tiddeterminax b'mod realment awtonomu l-mod kif teżerċita l-funzjonijiet fil-qasam ambjentali li hija għandha, peress li awtorità pubblika li taqa' taħt l-Artikolu 2(2)(a) jew (b) ta' din id-direttiva hija f'pożizzjoni li tinfluwenza b'mod deċiżiv l-azzjoni ta' din l-entità fl-imsemmi qasam.

69 Il-mod kif tali awtorità pubblika tista' teżerċita influwenza determinanti abbażi tal-kompetenzi li ġew mogħtija lilha mil-leġiżlatur nazzjonali ma hijiex importanti f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, tista' tkun setgħa ta' inġunzjoni fil-konfront tal-entitajiet ikkonċernati, kemm jekk ikun fl-eżerċizzju tad-drittijiet ta' azzjonista jew le, tas-setgħa ta' sospensjoni, ta' annullament *a posteriori* jew ta' suġġettar għal awtorizzazzjoni preliminari tad-deċiżjonijiet meħuda minn dawn l-entitajiet, tas-setgħa ta' nomina jew ta' revoka tal-membri mill-korpi ta' direzzjoni jew il-parti l-kbira tagħhom, jew ukoll tas-setgħa li dawn l-entitajiet jiġu mċaħħda, kompletament jew parzjalment, mill-finanzjament b'mod li l-eżistenza tagħhom tkun kompromessa.

70 Is-sempliċi fatt li l-entità inkwistjoni hija, bħall-kumpanniji tal-ilma kkonċernati, kumpannija kummerċjali suġġetta għal skema regolatorja speċifika għas-settur inkwistjoni ma jistax jeskludi kontroll fis-sens tal-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/4 sa fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 68 ta' din is-sentenza huma ssodisfatti fil-konfront ta' din l-entità.

71 Fil-fatt, għalkemm is-sistema kkonċernata tinkludi kuntest legali partikolarment preċiż li jinkludi grupp ta' regoli li jiddeterminaw il-mod kif tali kumpanniji għandhom iwettqu l-funzjonijiet pubbliċi tagħhom marbuta mal-ġestjoni tal-ambjent li huma responsabbli għaliha u li, skont il-każ, tinkludi superviżjoni amministrattiva intiża sabiex jiġi żgurat li dawn ir-regoli jiġu effettivament osservati, jekk ikun il-każ, permezz ta' inġunzjonijiet jew l-impożizzjoni ta' multi, minn dan jista' jirriżulta li dawn l-entitajiet ma għandhomx awtonomija reali fil-konfront tal-Istat, anki jekk dan tal-aħħar ma għadux f'pożizzjoni, wara l-privatizzazzjoni tas-settur inkwistjoni, li jiddetermina l-ġestjoni tagħhom ta' kuljum.

72 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fil-kawżi prinċipali, is-sistema prevista mill-WIA 1991 timplikax li l-kumpanniji tal-ilma kkonċernati ma għandhomx awtonomija reali meta mqabbla mal-awtoritajiet ta' sorveljanza li jikkostitwixxu s-Secreatary of State u l-OFWAT.

73 Fid-dawl ta' dawk li jippreċedi, ir-risposta għat-tielet u għar-raba' domandi magħmula għandha tkun li impriżi, bħall-kumpanniji tal-ilma kkonċernati, li jipprovdu servizzi pubbliċi relatati mal-ambjent jinsabu taħt il-kontroll ta' korp jew ta' persuna msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) jew (b) tad-Direttiva 2003/4, b'mod li għandhom jiġu kkwalifikati bħala "awtoritajiet pubbliċi" skont l-Artikolu 2(2)(ċ) ta' din id-direttiva, jekk dawn l-impriżi ma jiddeterminawx b'mod realment awtonomu l-mod kif jipprovdu dawn is-servizzi, peress li awtorità pubblika li taqa' taħt l-Artikolu 2(2)(a) jew (b) tal-imsemmija direttiva hija f'pożizzjoni li tinfluwenza b'mod deċiżiv l-azzjoni tal-imsemmija impriżi fil-qasam tal-ambjent.

Fuq il-ħames domanda

74 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 2(2)(b) u (ċ) tad-Direttiva 2003/4 għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta persuna taqa' taħt din id-dispożizzjoni minħabba waħda mill-funzjonijiet tagħha, ta' waħda mir-responsabbiltajiet jew servizzi tagħha, din il-persuna tikkostitwixxi awtorità pubblika biss għal dak li jikkonċerna l-informazzjoni ambjentali li hija għandha fil-kuntest ta' dawn il-funzjonijiet, responsabbiltajiet u servizzi.

75 Il-possibbiltà ta' tali interpretazzjoni msejħa "ibrida" tal-kunċett ta' awtorità pubblika ġiet proposta fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali li wasslet għas-sentenza Smartsourse. F'dan il-kuntest, ġie sostnut, b'mod partikolari li, kieku l-kumpanniji tal-ilma kellhom jaqgħu taħt l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4 minħabba l-fatt li jeżerċitaw ċerti funzjonijiet amministrattivi pubbliċi, din id-dispożizzjoni setgħet tiġi interpretata fis-sens li l-imsemmija kumpanniji għandhom jikkomunikaw biss l-informazzjoni ambjentali li għandhom minħabba l-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet.

76 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, minbarra l-fatt li interpretazzjoni ibrida tal-kunċett ta' awtorità pubblika huwa suxxettibbli li jikkawża inċertezzi u problemi prattiċi importanti fl-implementazzjoni effettiva tad-Direttiva 2003/4, dan l-approċċ ma jsibx, bħala tali, sostenn fit-test jew fl-ispirtu ta' din id-direttiva jew tal-Konvenzjoni ta' Århus.

77 Kuntrarjament, tali approċċ jmur kontra l-prinċipji kemm tal-imsemmija direttiva kif ukoll tal-Konvenzjoni ta' Århus fir-rigward tal-artikulazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' aċċess li dawn jipprvodu li huma intiżi għal tqegħid għad-dispożizzjoni u għal komunikazzjon kemm jista' jkun wiesa' fi ħdan il-pubbliku tal-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom.

78 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2003/4, dispożizzjoni ċentrali ta' din id-direttiva li hija essenzjalment identika għall-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Århus jekk entità hija kkwalifikata bħala awtorità pubblika fis-sens ta' waħda mit-tliet kategoriji msemmija fl-Artikolu 2(2) tal-imsemmija direttiva, din għandha tikkomunika lil kull minn japplika għall-informazzjoni ambjentali li taqa' taħt waħda mis-sitt kategoriji ta' informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva li jkollha jew li tkun miżmuma f'isimha, ħlief jekk it-talba taqa' taħt waħda mid-derogi previsti mill-Artikolu 4 tal-istess direttiva.

79 Għalhekk, il-persuni msemmija fl-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4 għandhom, kif jirreleva l-avukat ġenerali fil-punti 116 u 118 tal-konklużjonijiet tiegħu, jiġu kkunsidrati, għall-finijiet ta' din id-direttiva, bħala awtoritajiet pubbliċi għal dak li jikkonċerna l-informazzjoni ambjentali kollha li huma jkollhom.

80 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 73 ta' din is-sentenza, fil-kuntest partikolari tal-Artikolu 2(2)(c) tad-Direttiva 2003/4, kumpanniji kummerċjali bħall-kumpanniji tal-ilma kkonċernati jistgħu jikkostitwixxu awtorità pubblika skont l-imsemmija dispożizzjoni biss sakemm, meta jipprovdu servizzi pubbliċi fil-qasam tal-ambjent, huma jkunu taħt il-kontroll ta' korp jew ta' persuna msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) jew (b) tad-Direttiva 2003/4.

81 Minn dan isegwi li tali kumpanniji għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni ambjentali li jkollhom fil-kuntesttal-provvista ta' dawn is-servizzi pubbliċi.

82 Min-naħa l-oħra, kif irreleva essenzjalment l-avukat ġenerali fil-punt 121 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn il-kumpanniji ma għandhomx jipprovdu informazzjoni ambjentali jekk ikun paċifiku li din ma tkunx relatata mal-provvista tal-imsemmija servizzi pubbliċi. Jekk jibqa' mhux ċar li dan huwa l-każ, l-informazzjoni inkwistjoni għandha tingħata.

83 F'dawn il-kundizzjonijiet, ir-risposta għall-ħames domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4 għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li taqa' taħt din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi awtorità pubblika f'dak li jikkonċerna l-informazzjoni ambjentali kollha li għandha. Kumpanniji kummerċjali, bħall-kumpanniji tal-ilma kkonċernati, jistgħu jikkostitwixxu awtorità pubblika skont l-Artikolu 2(2)(ċ) tal-imsemmija direttiva biss, meta, fil-provvista tas-servizzi pubbliċi fil-qasam tal-ambjent, huma jkunu jinsabu taħt il-kontroll ta' korp jew ta' persuna msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) jew (b) tal-istess direttiva, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni ambjentali jekk ikun paċifiku li din ma tkunx relatata mal-provvista ta' tali servizzi.

## Fuq l-ispejjeż

84 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Sabiex jiġi ddeterminat jekk entitajiet bħal United Utilities Water plc, Yorkshire Water Services Ltd u Southern Water Services Ltd jistgħux jiġu kkwalifikati bħala persuni ġuridiċi li jeżerċitaw, skont id-dritt intern, "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2003, dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunill 90/313/KEE, għandu jiġi eżaminat jekk dawn l-entitajiet għandhomx, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali applikabbli għalihom, setgħat eżorbitani meta mqabbla mar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn il-persuni ta' dritt privat.**

2) **Kumpanniji bħal United Utilities Water plc, Yorkshire Water Services Ltd u Southern Water Services Ltd, li jipprovdu servizzi pubbliċi relatati mal-ambjent jinsabu taħt il-kontroll ta' korp jew ta' persuna msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) jew (b) tad-Direttiva 2003/4, b'mod li għandhom jiġu kkwalifikati bħala "awtoritajiet pubbliċi" skont l-Artikolu 2(2)(ċ) ta' din id-direttiva, jekk dawn l-impriżi ma jiddeterminawx b'mod realment awtonomu l-mod kif jipprovdu dawn is-servizzi, peress li awtorità pubblika li taqa' taħt l-Artikolu 2(2)(a) jew (b) tal-imsemmija direttiva hija f'pożizzjoni li tinfluwenza b'mod deċiżiv l-azzjoni tal-imsemmija impriżi fil-qasam tal-ambjent.**

3) **L-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4 għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li taqa' taħt din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi awtorità pubblika f'dak li jikkonċerna l-informazzjoni ambjentali kollha li għandha. Kumpanniji kummerċjali bħal United Utilities Water plc, Yorkshire Water Services Ltd u Southern Water Services Ltd jistgħu jikkostitwixxu awtorità pubblika skont l-Artikolu 2(2)(c) tal-imsemmija direttiva biss, meta, fil-provvista ta' servizzi pubbliċi fil-qasam tal-ambjent, huma jkunu jinsabu taħt il-kontroll ta' korp jew ta' persuna msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) jew (b) ta' din l-istess direttiva, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni ambjentali jekk ikun paċifiku li din ma tkunx relatata mal-provvista ta' tali servizzi.**

Firem